MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 135/2007

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**vs**

**Maurice Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-awtorita' attrici talbet lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erba' mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u hames centezmi (LM445.05) raprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut Maurice Vassallo lill-Awtorita' Marittima ta' Malta rigward *il-boat Arion (Patrol Boat)*, hekk kif jidher mill-*istatement* anness (Dok A.) Minkejja li ntbaghtet ittra legali nhar il-10 ta' April, 2006 (Dok. B) u ittra ufficjali nhar id-9 ta' Awissu, 2006 il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu, 2006 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa lli il-bicca tal-bahar in kwistjoni ex-patrol boat tal-AFM bin-numru C34 kienet inxtrat minghand l-MCAST.  Din inxtrat mill-kumpanija Medcast Ltd VAT Reg No 15657126 ghas-somma ta' LM5,670 VAT inkluz kif jidher mid-dokumenti anness (Dok. A u B);

L-awtorita' min-naha taghha applikat ir-rata kollha bla ebda tnaqqis, l-istess bhal ma jitqiesu bcejjec tal-bahar barranin.

Ghalkemm L-AFM ma jzommux registru ghall-bcejjec tal-bahar taghhom, dawn zgur qatt ma jistghu jitqiesu li nhumiex Maltin.

Galadarba li dan  il-fatt li l-bicca tal-bahar C34 kienet inxtrat minghand l-MCAST, li kienu akkwistawha minghand l-AFM mhijiex ikkontestata u li l-prezz kien jinkludi il-VAT, ghandhom jigu applikati r-riduzzjonijiet kollha fit-tariffa kif stabbilit fin-Noti A Cat 1 u Cat 2 tal-Awtorita' Marittima ta' Malta.

Sema'  x-xhieda ta' Christopher Schembri u Maurice Vassallo;

Ra x-xhieda dokumentali kollha fl-Atti tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni taz-zewg partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar hlas dovut lill-awtorita' attrici ghal *berthing fees* dovuti mill-konvenut fil-2002. Il-konvenut minn naha tieghu qieghed jikkontesta r-rata li giet applikata mill-Awtorita' attrici.

Fix-xhieda ta’ Christopher Schembri, li huwa il-*berthing master* tal-Awtorita’ Marittima huwa spjega kif huwa kien applika tariffa li tohrog mill-Iskeda tal- *Yachting Regulations* ta’ Malta. Hu kien applika t-tariffa ghal spazju temporanju ghall-istagun tas-Sajf. Spjega kif ghalkemm kien alloka *berthing space* fuq kalkolu ta’ tnax-il metru irrizulta li l-*boat* tal-konvenut kienet ta’ hmistax-il metru. Huwa spjega kif il-konvenut ma kienx fil-pussess ta’ dokumentazzjoni li tghid illi huwa kien sid il-‘*boat’* u l-anqas ma kellu dokumentazzjoni dwar VAT u dazju mhallsa fuq id-dghajsa li ried jorbot mall-mollijiet appartenenti lill-Awtorita’ attrici. L-ammont mitlub ta’ erba’ mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u hames centezmi (LM445.05) jinkludi l-VAT li fil-2002 kien bil-15%.

Il-konvenut spjega kif huwa kien xtara *ex patrol boat* mill-MCAST li kienet qabel tappartjeni lill-Forza Armata ta’ Malta . Illi huwa kien konvint illi p*atrol boat* tal-AFM hija Maltija u registrata bhala tali. Sar jaf illi L-AFM ma jzommux *ship register* u assuma illi peress illi il-*patrol boat* kienet tappartjeni lill-Gvern ta’ Malta bhala konsegwenza il-*patrol boat* kellha jkollha registrazzjoni Maltija. Izda jidher illi meta gie sabiex jaghmel *a change/transfer of ownership* tal-*boat* intebah illi l-*Patrol Boat* ma kienetx registrata Malta.

It-Tribunal jirrileva lli meta nxtrat din *il-patrol boat* din kienet inxtrat minn socjeta’ bl-isem Medcast Limited u l-konvenut kien biss rapprezentant ta’ din is-socjeta’ izda meta l-konvenut mar sabiex jakkwista ‘*berthing space’* huwa applika lill-Awtorita’ attrici f’ismu. *Di fatti* t-trattativi saru dejjem mall-konvenut u fill-fatt meta fil-25 ta’ Gunju,2004 inhareg certifikat mill-Awtorita’ attrici dan inhareg fuq isem il-konvenut. Mill-provi dokumentali prodotti jidher illi kien inhareg *provisional registration* fl-2003. Jidher ghalhekk illi fl-2002 ma kienx kopert bi *provisional registration.*

It-Tribunal huwa tal-fehma lli r-rati applikabbli tal-*berthing regulations* m’ghandhomx jkunu diskrezzjonarji. Izda jidher illi sar zball favur il-konvenut meta giet applikata r-rata skond it-tul tal-bjcejjec tal-bahar. Illi l-kalkolu ma

kellux ikun ta' tnax-il metru izda ta' hmistax-il metru kif fil-fatt irrizulta li kienet l-*boat Arion (Patrol Boat*). It-tul li tqies tal-*patrol boat* ma kienx kalkolu korrett. Illi kieku l-awtorita' attrici kellha tikkalkola l-*berthing fees* skond it-tul ta' hmistax-il metru is-somma kienet tkun ta' hames mija erbgha u tletin Lira Maltin (LM534.00) eskluz il-15% Vat a bazi ta' kuntratt sajfi ta' dak iz-zmien.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-interpretazzjoni tal-*Yachting Regulations* tal-awtorita' attrici kienet korretta fic-cirkostanzi tal-kaz quddiema. Illi l-konvenut ghandu japprezza lli kieku kellu jigi ccargjat ir-rata skond it-tul tal-*boat* kien ihallas ammont aktar milli dak mitlub. Illi l-Awtorita' attrici hadet zball u kellha izid il-kalkolu taghha a bazi tat-tul tad-dghajsa. Izda minkejja dan l-izball favur il-konvenut xorta wahda ried jikkontesta l-kaz quddiem dan it-Tribunal peress illi fil-fehma tieghu hu kien konvint illi kien xtara dghajsa b'registrazzjoni Maltija meta fil-kuntratt ta' bejgh tal-boat mill-MCAST, indikat minnu fi Klawzola 5. '*All licences, fees , duty and any other expenses incidental on the sale including registration fees shall be at the account of the purchaser.'* It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma illi dan il-bejgh ma kienx qed jeskludi li setgha kien hemm '*registration fees'* ghal din *il-boat.*

It-Tribunal jidhirlu lli l-konvenut ma ppruvax il-kaz tieghu u ghalhekk ma jistax jilqa' l-eccezzjonijiet tieghu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija hamsa u erbghin Lira Maltin u hames centezmi (LM445.05) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------